MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 484/2011

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***kontra***

**1. Continental Gold Limited (C12571) u**
**2. Joseph u Josephine mizzewgin Agius (K.I. numri 335240M u 505544M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fit-28 ta' Lulju 2010 li jaqra hekk –

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino u datati 7 ta` Frar 1997 (Dok. "A"), 22 ta` Mejju 1998 (Dok.*

*"B") u 1 ta` Ottubru 1999 (Dok. "C"), is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta` Continental Gold Limited;*

*2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tas-socjeta` Continental Gold Limited fis-somma ta` tmienja u hamsin elf, mija u erba` Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€58,104.45) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" tas-socjeta` Continental Gold Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D104") flimkien ma` l-imghax ulterjuri mis-17 ta` Frar 2011 sad-data tal-effettiv pagament;*

*3. Illi permezz ta` tlett kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino u datati 7 ta` Frar 1997 (Dok. "A"), 22 ta` Mejju 1998 (Dok. "B") u 1 ta` Ottubru 1999 (Dok. "C"), u permezz ta` disa` skritturi privati datati 24 ta` Frar 1995 (Dok. "E"), 8 ta` Jannar 1997 (Dok. "F"), 11 ta` Mejju 1998 (Dok. "G", 11 ta` Marzu 1999 (Dok. "H"), 21 ta` April 1999 (Dok. "I"), 26 ta` Gunju 2000 (Dok. "J"), 5 ta` April 2001 (Dok. "K"), 5 ta' April 2001 (Dok. "L") u 9 ta` Jannar 2004 (Dok. "M") il-konvenuti Joseph u Josephine mizzewgin Agius iggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta` Continental Gold Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta` l-istess socjeta` Continental Gold Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;*

*4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

*5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta` zewg ittri ufficjali datati 17 ta` Awissu 2009 li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok. "N" u "O", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu*

*l-konvenuti ghaliex m`ghandhiex Din il-Qorti tilqa` t-talbiet tas-socjeta` attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha :*

*(i) Tikkundanna lis-socjeta` Continental Gold Limited u lil Joseph u Josephine mizzewgin Agius ihallsu lis-socjeta` attrici, flimkien u "in solidum" bejniethom, is-somma ta` tmienja u hamsin elf, mija u erba` Ewro u hamsa u erbghin (€58,104.45) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" tas-socjeta` Continental Gold Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D104") flimkien ma` l-imghax ulterjuri mis-17 ta` Frar 2011 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali datati 17 ta` Awissu 2009 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank attur u l-lista ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf.

Rat li l-konvenuti Joseph u Josephine mizzewgin Agius kienu debitament notifikati skond il-ligi bl-atti tar-rikors mahluf.

Rat li l-istess konvenuti kienu wkoll debitament notifikati bl-avviz tas-smigh tal-kawza .

Rat illi l-istess konvenuti pprezentaw nota ta` ammissjoni tat-talbiet kif migjuba kontrihom fil-kawza tal-lum.

Rat li ghalkemm mill-atti tirrizulta referta negattiva fir-rigward tal-kumpannija konvenuta Continental Gold Limited kemm fir-rigward tar-rikors guramentat kif ukoll fir-

rigward tal-avviz ta` smigh tal-kawza, jirrizulta ukoll li anke l-istess kumpannija konvenuta ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti kontriha. Ghalhekk tqis bhala notifikata lill-kumpannija konvenuta Continental Gold Limited ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat l-atti tal-kawza.

**Fuq ammissjoni tal-konvenuti kollha, taqta` u tiddeciedi l-kawza billi tilqa` t-talba attrici kif dedotta kontra l-konvenuti kollha, flimkien u in solidum bejniethom, bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kif indikati fir-rikors mahluf kontra l-konvenuti kollha flimkien u in solidum bejniethom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------